

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 46



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

8 ta' Frar 2018

Werrej

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2018/C 46/01	Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja	1
--------------	--	---

Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 46/02	Rata tal-kambju tal-euro	2
--------------	--------------------------------	---

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Awtorità ta' Sorveljanza EFTA

2018/C 46/03	Notifika ta' informazzjoni mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA abbażi tal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità — Revoka tal-obbligi tas-servizz pubbliku imposti fuq is-servizzi tal-linji tal-ajru skedati	3
--------------	---	---

MT

2018/C 46/04	Notifika ta' informazzjoni mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA abbażi tal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità — Stabbiliment tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru skedati	3
2018/C 46/05	Notifika ta' informazzjoni mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA abbażi tal-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità — Stedina għall-preżentazzjoni tal-offerti għall-operat ta' servizzi tal-ajru skedati skont l-obbligi tas-servizz pubbliku	4

V Awżi

PROĊEDURI TAL-QORTI

Qorti tal-EFTA

2018/C 46/06	Talba għal Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti tal-EFTA mill-Beschwerdekommision der Finanzmarktaufsicht datata t-12 ta' Ottubru 2017 fil-Kawża Edmund Falkenhahn AG vs Awtorità tas-Suq Finanzjarju tal-Liechtenstein (Il-Kawża E-9/17)	5
--------------	---	---

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 46/07	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8778 — Apollo Management/Phoenix Services) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	6
--------------	--	---

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 46/08	Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel	8
--------------	---	---

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill
2013/255/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl
tas-sitwazzjoni fis-Sirja**

(2018/C 46/01)

L-informazzjoni li ġejja qed titressaq għall-attenzjoni tas-Sur Ali Ayyub (nru 56), is-Sur Fahd Jasim (nru 57), is-Sur Mohammed Ramez Tourjman (nru 221) u s-Sur Ahmad al-Hamu (nru 227), il-persuni li jidhru fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK ⁽¹⁾ u fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 ⁽²⁾ dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja.

Il-Kunsill biħsiebu jemenda d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet marbuta mal-persuni msemmija hawn fuq. Dawn il-persuni huma b'dan informati li jstgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet prevista qabel it-12 ta' Frar 2018, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
DG C 1C
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

⁽¹⁾ ĠUL 147, 1.6.2013, p. 14.

⁽²⁾ ĠUL 16, 19.1.2012, p. 1.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Is-7 ta' Frar 2018

(2018/C 46/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,2338	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5445
JPY	Yen Ġappuniż	134,84	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,6463
DKK	Krona Daniża	7,4430	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6897
GBP	Lira Sterlina	0,88675	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6291
SEK	Krona Żvediża	9,8585	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 335,72
CHF	Frank Żvizzeru	1,1610	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,7640
ISK	Krona İzlandiża	125,00	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,7416
NOK	Krona Norveġiża	9,6618	HRK	Kuna Kroata	7,4413
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 729,40
CZK	Krona Ċeka	25,230	MYR	Ringgit Malażjan	4,8155
HUF	Forint Ungeriż	309,81	PHP	Peso Filippin	63,236
PLN	Zloty Pollakk	4,1595	RUB	Rouble Russu	70,5211
RON	Leu Rumun	4,6555	THB	Baht Tajlandiż	38,976
TRY	Lira Turka	4,6681	BRL	Real Brażiljan	4,0070
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5684	MXN	Peso Messikan	23,0468
			INR	Rupi Indjan	79,2655

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

Notifika ta' informazzjoni mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA abbażi tal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità

Revoka tal-obbligi tas-servizz pubbliku imposti fuq is-servizzi tal-linji tal-ajru skedati

(2018/C 46/03)

Stat Membru	In-Norveġja
Rotta kkonċernata	Værøy – Bodø v.v.
Data oriġinali tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi tas-servizz pubbliku	fl-1 ta' Awwissu 2014 (notifikata fil-5 ta' Settembru 2013 fil-ĠU C 256 u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru 50/2013)
Data tar-revoka	fl-1 ta' Awwissu 2019
Indirizz mnejn jistgħu jinkisbu t-test u kull informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-obbligi tas-servizz pubbliku	Ministry of Transport and Communications PO Box 8010 Dep N-0030 OSLO NORWAY Tel. +47 22248353 E-mail: postmottak@sd.dep.no

Notifika ta' informazzjoni mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA abbażi tal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità

Stabbiliment tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru skedati

(2018/C 46/04)

Stat Membru	In-Norveġja
Rotta kkonċernata	Værøy – Bodø v.v.
Data tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi ta' servizzi pubbliċi	fl-1 ta' Awwissu 2019
Indirizz mnejn jistgħu jinkisbu t-test u kull informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-obbligi tas-servizz pubbliku	Ministry of Transport and Communications PO Box 8010 Dep N-0030 OSLO NORWAY Tel. +47 22248353 E-mail: postmottak@sd.dep.no https://www.regjeringen.no/en/find-document/id2000006/?documenttype=dokumenter/anbud

Notifika ta' informazzjoni mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA abbażi tal-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità

Stedina għall-preżentazzjoni tal-offerti għall-operat ta' servizzi tal-ajru skedati skont l-obbligi tas-servizz pubbliku

(2018/C 46/05)

Stat Membru	In-Norveġja
Rotot ikkonċernati	Værøy – Bodø v.v.
Perjodu ta' validità tal-kuntratt	1 ta' Awwissu 2019 – 31 ta' Lulju 2024
Skadenza għat-tressiq tal-offerti	25 ta' April 2018 12.00 ħin lokali
Indirizz mnejn jistgħu jinkisbu t-test tal-istedina għall-preżentazzjoni għall-offerti u kull informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-offerta pubblika u mal-obbligi tas-servizz pubbliku modifikat	Ministry of Transport and Communications PO Box 8010 Dep N-0030 OSLO NORWAY Tel. +47 22248353 E-mail: postmottak@sd.dep.no https://www.regjeringen.no/en/find-document/id2000006/?documenttype=dokumenter/andud

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

QORTI TAL-EFTA

Talba għal Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti tal-EFTA mill-Beschwerdekommision der Finanzmarktaufsicht datata t-12 ta' Ottubru 2017 fil-Kawża Edmund Falkenhahn AG vs Awtorità tas-Suq Finanzjarju tal-Liechtenstein

(II-Kawża E-9/17)

(2018/C 46/06)

Permezz ta' ittra datata t-12 ta' Ottubru 2017 saret talba lill-Qorti tal-EFTA mill-Beschwerdekommision der Finanzmarktaufsicht (Bord tal-Appelli tal-Awtorità tas-Suq Finanzjarju), li waslet għand ir-Reġistru tal-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2017, għal Opinjoni Konsultattiva fil-Kawża Edmund Falkenhahn AG vs l-Awtorità tas-Suq Finanzjarju tal-Liechtenstein dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

- I/1. Huwa kompatibbli mad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi (id-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi) jekk il-flus elettroniċi jkollhom valur differenti mill-valur nominali meta jaslu l-fondi fil-perjodu bejn il-ħruġ (l-Artikolu 11(1)) u r-rimborż (l-Artikolu 11(2)), sakemm ir-rimborż (l-Artikolu 11(2)) ikun mill-inqas bil-valur nominali tagħhom?
- I/2. Jekk il-Mistoqsija I/1 titwieġeb fl-affermattiv: Jistal-valur differenti msemmi fil-Mistoqsija I/1 ikun marbut ma' valur varjabbli (bħal pereżempju l-prezz tad-deheb)?
- I/3. Jekk il-Mistoqsija I/2 titwieġeb fl-affermattiv: F'każ ta' rabta ma' valur varjabbli (bħal pereżempju l-prezz tad-deheb), huwa kompatibbli mal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi għal rimborż (l-Artikolu 11(2)) li għandu jitwettaq fuq ammont 'il fuq mill-valur nominali?
- II/1. L-Artikolu 7(2), l-ewwel u t-tieni subparagrafu tad-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi jiddefinixxu b'mod eżawrjenti liema għandhom jiġu kkunsidrati bħala beni sikuri ta' riskju baxx fi ħdan it-tifsira tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi moqri flimkien mal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' hłas fis-suq intern (id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Hłas)?
- II/2. Jekk il-Mistoqsija II/1 titwieġeb fin-negattiv: L-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Hłas jipprekludi lill-awtorità kompetenti milli tiddefinixxi x'jikkostitwixxi assi siguri, (likwidi) b'riskju baxx biss bħala parti mid-deċiżjoni dwar l-għoti ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi?
- II/3. Jekk il-Mistoqsija II/2 titwieġeb fin-negattiv: Ir-referenza għall-Artikolu 9(1) u (2) tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Hłas li tinsab fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi għandha tiġi interpretata li tfisser "beni sikuri ta' riskju baxx" fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi jew bħala li tfisser "beni sikuri, likwidi ta' riskju baxx"?
- II/4. Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-Mistoqsija II/3: Id-deheb huwa beni (likwidi) ta' riskju baxx?

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.8778 — Apollo Management/Phoenix Services)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2018/C 46/07)

1. Fit-2 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u b'segwitu għal referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Apollo Management, LP ("Apollo", l-Istati Uniti tal-Amerika);
- Phoenix Services International LLC ("Phoenix", l-Istati Uniti tal-Amerika).

Apollo takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku ta' Phoenix kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Apollo: tikkontrolla diversi fondi ta' investiment li jinvesti globalment f'kumpaniji u f'dejn f'diversi negozji bħall-industriji tal-kimika, tal-kruċijeri, sptarjiet, sigurtà, servizzi finanzjarji u l-ippakkjar tal-ħġieġ;
- Phoenix: tipprovdi servizzi lill-produtturi tal-azzar bħall-immaniġġar, l-ipproċessar u l-bejgħ ta' gagazza, kif ukoll fl-irkupru jew t-tibdil fid-daqs tal-metall skrappjat għall-ispeċifikazzjonijiet tal-klijenti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-ttrattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8778 — Apollo Management/Phoenix Services

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2018/C 46/08)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA MHUX MINURI GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT TA' DENOMINAZZJONI TA' ORIĠINI PROTETTA JEW TA' INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA PROTETTA

Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

“TIROLER SPECK”

Nru tal-UE: PGI-AT-02162 — 8.8.2016

DOP () IĠP (X)

1. Grupp applikant u interess leġittimu

Konsortium Tiroler Speck g.g.A.
Bundesstraße 33
A-6551 Pians
ÖSTERREICH
Tel. +43 544269001190
Fax +43 5442636211190
Posta elettronika: kontakt@tirolerspeck.info

L-applikazzjoni oriġinali għar-reġistrazzjoni tressqet mill-membri tal-grupp applikanti. L-applikant attwali jipproteġi l-interessi tal-produtturi tat-“Tiroler Speck” IĠP, u għaldaqstant għandu interess leġittimu fis-sottomissjoni ta' bidliet għall-Ispeċifikazzjoni.

2. Stat Membru jew Pajjiż Terz

L-Awstrija

3. Intestatura fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda/i

- Isem il-prodott
- Deskrizzjoni tal-prodott
- Żona ġeografika
- Prova tal-oriġini
- Metodu ta' produzzjoni
- Rabta
- Tikkettar
- Oħrajn (bidla fid-dettalji tal-entità kompetenti, isem il-grupp applikanti oriġinali, l-organu ta' spezzjoni, ir-rekwiżiti nazzjonali, emendi fil-kitba)

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

4. Tip ta' emenda/i

- Emenda għall-Ispesifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.
- Emenda tal-Ispesifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li għaliha ma jkun ġie rreġistrat l-ebda Dokument Uniku (jew ekwivalenti) u li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

5. Emenda/i

Il-bidliet sottomessi għall-Ispesifikazzjoni tal-prodott huma meħtieġa minħabba l-esperjenza miksuba fit-trattament tal-aspetti prattiċi tat-terminu protett minn mindu ġiet approvata l-protezzjoni tiegħu. Dawn il-bidliet jinkludu deskrizzjoni ddettaljata tar-rekwiżiti kollha importanti tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni, inkluż l-istadij tal-produzzjoni, li għandhom assolutament isiru fiż-żona ġeografika kkonċernata, u jservu biex jiggarran-tixxu l-kwalità tat-“Tiroler Speck” IĠP.

L-Ispesifikazzjoni tal-prodott preċedenti kienet magħmula minn għadd ta' dokumenti u annessi separati, li issa nqas għad li jidher b'forma waħda, irredut u aġġornat sabiex jipprovi deskrizzjoni aktar ċara tar-rekwiżiti, partikularment dwar il-metodu ta' produzzjoni u l-prova tal-orijini, sabiex tinżamm il-kwalità tat-“Tiroler Speck” IĠP.

1. Deskrizzjoni tal-prodott:

Il-punt 5b tal-Ispesifikazzjoni tal-prodott jgħid:

“Il-materja prima għat-“Tiroler Speck” IĠP tinkiseb mill-qatgħat li ġejjin, mirquma u bla għadam, tal-laħam tal-majjal:

- il-koxxa,
- il-flett,
- l-ispalla,
- l-istonku u
- l-għonq.

It-“Tiroler Speck” jiġi kemxejn immellaħ, imbagħad jiġi ttrattat u jinħażen f'taħlita speċjali ta' ħwawar, skont id-drawwiet u t-tradizzjoni lokali, fi kmamar separati, u f'temperatura ta' bejn 18 °C u 20 °C.

Il-kulur ta' barra jkun kannella tfakkar fid-duħħan, u l-wiċċ mal-qtugħ jagħti fl-aħmar, b'kisja bajda tax-xaħam. Għandu riħa moderata u aromatika, bi sfumaturi evidenti ta' duħħan. It-togħma hija pikkanti, karatterizzata minn taħlitiet ta' ħwawar speċjali u trattament b'affumikazzjoni partikulari, u hija kemxejn mielħa.

Karatteristiċi fiżikokimiċi u mikrobijoloġiċi:

- Proporzjon ilma/proteini ta' mhux aktar minn 1,5 (tolleranza ta' 0,2),
- Kontenut massimu ta' melħ ta' 5 %,
- Kontenut ta' nitrit tas-sodju espress bħala nitrit tas-sodju (NaNO₂) 5 mg/100 g (50 mg/kg),
- Kontenut ta' nitrat tal-potassju espress bħala nitrit tas-sodju (NaNO₂) 25 mg/100 g (250 mg/kg),
- Għadd totali tal-kolonji aerobiċi (inkluż il-batterji tal-aċidu lattiku) CFU/g < 1 x 10⁷.”

Din is-silta hija emendata kif ġej:

“4.2. Deskrizzjoni

4.2.1. Ġenerali

It-“Tiroler Speck” IĠP huwa prodott tal-majjal artiġjanali, ippriżervat b'mod tradizzjonali, magħmul mill-koxxa, flett, żaqq, spalla jew għonq mingħajr għadam. Jitmellaħ fix-xott, jitħawwar, jitħejja għall-priżervazzjoni, jiġi affumikat fil-kesħa, u jitnixxef bl-arja.

It-“Tiroler Speck” IĠP jiġi prodott esklussivament fiż-żona ġeografika ddefinita, u jkun disponibbli, fil-għamla aħħarja tiegħu, ipakkjat fil-vakwu jew f'atmosfera kkontrollata, u jew f'biċċiet sħaħ, jew imqatta' jew f'fett.

4.2.2. Karatteristiċi organolettiċi

It-“Tiroler Speck” IĠP għandu dehra organolettika karatteristika, b'toġhma speċifika u riħa li tfakkar fid-duħħan. Minħabba l-proċess tipiku ta' affumikazzjoni fil-kesħa u l-ħwawar li jintużaw, it-“Tiroler Speck” IĠP ikollu dehra ta' barra karatteristika, lewn kannella skura. Bl-eċċezzjoni tax-*Schopfspeck* [Speck tal-ġhonq], il-wiċċ mal-qtugħ juri kisja bajda tax-xaħam, u l-laħam ikun ta' lewn aħmar karg, li jibqa' jiskura lejn in-naħa tal-laħam. L-aroma tkun pikkkanti b'mod intens u pjaċevoli, bi sfumaturi maturi li jintgħarfu, li magħhom tiżdied l-aroma tal-laħam tal-majjal. Meta jingħafas bejn is-swaba', il-konsistenza tkun bejn medja u soda. Meta jingidem, il-konsistenza ma tkunx ratba iżda kumpatta. It-toġhma u l-aroma jkunu kemxejn pikkkanti, bi sfumaturi ċari u inekwivokabbli tad-duħħan fuq toġhma sħiħa tal-laħam, segwiti minn toġhma perċipibbli tal-melħ. F'din il-perspettiva usa', il-varjazzjonijiet reġjonali u bidliet sottili fil-karatteristiċi organolettiċi huma komuni, skont il-partikularitajiet kulturali stabbiliti fir-reġjuni u fil-widien korrispondenti taż-żona ġeografika ddefinita. B'hekk, ċerti aspetti tan-natura tipika tal-prodott, fosthom il-profil tat-toġhma jew l-isfumaturi ta' njam affumikat, jadottaw karatteristiċi reġjonali mingħajr ma jolqtu ħażin jew jibdlu l-identità ġenerali tat-“Tiroler Speck” IĠP.

4.2.3. Karatteristiċi fiżikokimiċi tal-prodott

Proporzjon ilma/proteini: massimu ta' 1,7 (tolleranza + 0,2)

Kontenut ta' melħ (NaCl): massimu ta' 5,0 % (tolleranza + 1,5 % [fil-qalba] + 2,0 % [fix-xifer])

Ġustifikazzjoni:

Il-karatteristiċi organolettiċi tipiċi tal-prodott issa huma deskritti b'aktar preċiżjoni u dettall. Il-proporzjon imla/proteini issa huwa identifikat b'mod korrett b'ħala “massimu ta' 1,7”, flok “massimu ta' 1,5” kif kien hemm mik-tub qabel. Dan kien żball tat-tipa fl-Ispeċifikazzjoni oriġinali. Il-proprjetajiet mikrobijoloġiċi tħassru għalkollox, għax abbażi tar-rekwiżiti legali fis-seħħ, kienu superfluwi. Il-kliem, parti minnu mill-Ispeċifikazzjoni oriġinali u parti miżjuda, sar aktar preċiż sabiex ġiet iċċarat u kkompletata d-deskrizzjoni tal-prodott, u b'hekk l-organu ta' spezzjoni jingħata parametri tal-prodott aktar preċiżi u affidabbli biex ikun jista' jiżgura l-kwalità tal-prodott.

It-tqattigħ tat-“Tiroler Speck” IĠP minn dejjem sar esklussivament fiż-żona ġeografika ddefinita tal-produzzjoni. Għalhekk fid-deskrizzjoni tal-prodott jiġi mfiisser f'liema punt it-“Tiroler Speck” IĠP jilħaq l-għamla aħħarija tiegħu: speċifikament, meta jkun ippakkjat fil-vakwu jew f'atmosfera kkontrollata, u jew b'ħala biċċa sħiħa, jew imqatta' jew f'fietet.

2. Prova tal-orijini:

Billi l-Ispeċifikazzjoni ma kienet tinkludi ebda referenza għall-prova tal-orijini, tqies xieraq li tiddaħħal informazzjoni dwar it-traċċabbiltà tal-prodott skont il-punt 4.4 tal-Ispeċifikazzjoni tal-prodott. Issa tinkludi dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà. It-tikketta ta' kull unità tat-“Tiroler Speck” IĠP prodotta għandha turi numru tal-azjenda u identifikatur tal-lott fil-forma ta' numru tal-lott jew data, sabiex kull lott ikun jista' jintrabat b'mod konklużiv mal-post ta' produzzjoni tiegħu. Kull produttur li jkun jixtieq jikkummerċjalizza l-iSpeck bl-isem “Tiroler Speck” għandu jkun inkluż f'lista ta' produtturi, li tinżamm mill-grupp applikanti. Din il-lista hija disponibbli fuq www.tirolerspeck.info Il-lista tinkludi l-azjendi kollha li jipproduċu u jippakkjaw it-“Tiroler Speck” IĠP skont id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ispeċifikazzjoni, flimkien mad-dettalji li ġejjin: in-numru tal-azjenda, l-isem u l-indirizz tal-impriża. Jekk l-azjenda ta' kumpanija tokkupa aktar minn post wieħed, b'kull wieħed iwettaq stadju individwali tal-produzzjoni tat-“Tiroler Speck” IĠP, jew jekk tokkupa aktar minn indirizz postali wieħed fl-istess distrett, dawn jistgħu jiġu inklużi fil-lista tal-produtturi b'ħala grupp ta' azjendi.

L-osservazzjonijiet ta' hawn fuq rigward il-punt 5d, li kienu inklużi f'dan il-punt meta ġiet irrikonossuta l-indikazzjoni tal-orijini inkwistjoni, issa tmexxew għal-punt 4.6, “Rabta maż-żona ġeografika”.

3. Metodu ta' produzzjoni:

Il-punt 5e tal-Ispeċifikazzjoni tal-prodott jgħid:

“Meta jiġu pproċessati l-partijiet elenkati fil-punt 5b, għandhom jiġu rispettati l-kriterji li ġejjin:

— Il-qatgħat kollha użati fil-produzzjoni tat-“Tiroler Speck” huma qatgħat tradizzjonali (ara l-Anness 3);

— Għandhom ikunu mmellħin fix-xott (billi jingħorku b'taħlita ta' melħ u ħwawar) u mħejjija għall-priżervazzjoni;

- Il-proċess ta' affumikazzjoni, u l-proċess assoċjat ta' tnixxif, isiru f'temperatura massima tad-duħħan u tal-kamra ta' 20 °C;
- It-tnixxif bl-arja u l-istadju tal-maturazzjoni jsiru f'temperatura ambjentali bejn 10 °C u 15 °C, u b'umdità relattiva ta' bejn 60 % u 80 %; Għandu jiġi żgurat skambju tal-arja suffiċjenti;
- It-tnixxif u l-maturazzjoni jsiru fl-istess ħin, biex tiġi evitata l-formazzjoni ta' xifer xott;
- Għandu jiġi żgurat li l-prodott ikun ħieles mill-parassiti u mill-pesti;
- Il-qatgħat identifikati huma soġġetti għall-projbizzjoni tal-priżervazzjoni bit-tilqim, kif ukoll tat-trattament bl-użu ta' tumblers;
- Għall-valutazzjoni tal-kwalità, tintuża l-iskema tal-ittejtjar inkluża fl-Anness 4.”

Din is-silta hija emendata kif ġej:

“4.5.1. Għarfien espert — għarfien tal-produzzjoni

Il-proċess kollu tal-produzzjoni għat-*Tiroler Speck* IĠP isir f'azjendi tal-produzzjoni li jkunu ġew inklużi fil-lista tal-produtturi, u jridu jkunu sorveljati minn produttur espert mit-Tirol, magħruf bħala '*Tiroler Speckmeister*'.

Sabiex tinżamm il-kwalità tat-*Tiroler Speck* IĠP, speċjalist li jkun qed jaħdem bħala *Tiroler Speckmeister* għandu jgħaddi mit-taħriġ rilevanti, li jiġi offrut mill-grupp applikanti lill-ispeċjalisti kollha interessati bil-għan li jiġiharsu l-livelli ta' kwalità. It-taħriġ huwa disponibbli b'xejn għal kull min jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi. Ir-rekwiżiti tekniċi ta' *Tiroler Speckmeister* huma ssodisfati meta jintlaħqu l-kriterji tekniċi ta' eliġibbiltà għal liċenzja tan-negozju rilevanti (pereżempju taħriġ komplut bħala *master butcher* jew tekniku tal-ikel), jew meta tiġi pprovduta evidenza ta' esperjenza rilevanti fil-produzzjoni ta' prodotti nejja affumikati fil-kesħa. Il-produtturi esperti jridu jirrepetu dan it-taħriġ b'mod regolari, biex jingħata lok għall-iskambju tal-esperjenza.

4.5.2. Il-laħam bħala materja prima

Il-qatgħat tal-laħam użati għat-*Tiroler Speck* IĠP joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, u jkunu magħmulin mill-qatgħat li ġejjin, bl-għadam imneħħi u mqattgħa skont prassi ta' produzzjoni tajba:

- il-koxxa bil-qoxra, bin-naħa l-għolja jew mingħajrha;
- il-flett bil-qoxra;
- iż-żaqq bil-qoxra (bl-għadam artab jew mingħajru);
- l-ispalla bil-qoxra;
- l-għonq bil-qoxra.

4.5.3. Produzzjoni

Il-qatgħat tal-laħam jitmellħu fix-xott jew jitħejjew għall-priżervazzjoni. Dan jinvolvi li l-wiċċ ta' fuq tal-laħam jingħorok bil-melħ (melħ tal-blat jew melħ tal-baħar), b'aġenti tal-ippriżervar (nitriti u/jew nitriti) u b'taħlita ta' ħwawar, li għandha tinkludi mill-inqas il-ġniebru, il-bżar iswed u t-tewm, sabiex tinħoloq salmura. Ma għand-homx jintużaw magni tal-priżervazzjoni bit-tiqib, tumblers bis-salmura jew massaġġaturi bis-salmura.

L-istadju li jmiss tal-priżervazzjoni, li jtemm il-proċess tal-priżervazzjoni, isir f'temperaturi ta' bejn 2 °C u 7 °C. Dan l-istadju ta' mistrieħ is-soltu jdum bejn 7 ijiem u 35 jum. It-tul ta' żmien jiġi ddeterminat skont id-daqs tal-qatgħa tal-laħam, u jiġi kkalkolat b'mod espert sabiex il-kontenut tal-melħ li jirriżulta fil-prodott aħħari jaqbel mal-karatteristiċi fiżikokimiċi tal-prodott skont il-punt 4.2.3.

L-istadju tal-priżervazzjoni jiġi segwit minn stadju ta' tnixxif fil-kesħa, li jsir f'temperaturi ta' bejn 2 °C u 7 °C u jdum sa 14-il jum, skont ir-reġjun fiż-żona ġeografika ddefinita.

Wara perjodu ta' tisħin ta' mhux iktar minn 24 siegħa f'temperaturi ta' mhux iktar minn 28 °C, isir l-istadju tal-affumikazzjoni fil-kesħa. Id-duħħan għandu jinħoloq bl-użu ta' njam li jkun tal-anqas 50 % tal-fagu jew tal-fraxxnu.

L-affumikazzjoni fil-kesħa hija proċess speċjali, speċifiku għar-reġjun, li jsir f'temperaturi tad-duħħan mhux ogħla minn 22 °C. F'kamra tal-affumikazzjoni, il-qatgħat tal-laħam ippriżervati u mnixxa fil-kesħa jgħaddu minn fażi-jiet alternanti ta' affumikazzjoni u ta' tqegħid fin-niexef mingħajr duħħan, hal perjodu ta' bejn 4 ijiem u 14-il jum. It-tul ta' żmien u l-intensità tal-fażijiet ta' affumikazzjoni jiġu ddeterminati mit-*Tiroler Speckmeister*.

Fl-aħħar nett, il-laħam jiġi mmaturat waqt it-tnixxif bl-arja. Fejn ma jkunx hemm disponibbli post xieraq bl-arja kkundizzjonata, il-produzzjoni tat-*Tiroler Speck* tista' ssir biss fi staġuni li fihom it-temperaturi prevalenti jkunu taħt is-17 °C u l-umdità tkun bejn 60 % u 90 %. It-*Tiroler Speckmeister* jikkalkula t-tul ta' żmien tal-proċess ta' tnixxif bl-arja abbażi tal-kundizzjonijiet klimatiki attwali fir-reġjun u skont il-qatgħat tal-laħam.

4.5.4. It-tqattigħ u l-ippakkjar

Fejn meħtieġ, il-wiċċ tat-*Tiroler Speck* IĠP immixxeff għalkollox jitnaddaf u jiġi llostrat, imbagħad jew jitqatta' f'biċċiet għall-użu domestiku jew titneħħielu l-qoxra, jitħejja u jitqatta' ffetet, jew isir 'lest għall-kċina', u jiġi pppakkjat jew fil-vakwu jew f'atmosfera kkontrollata.

Il-ħin li jgħaddi bejn it-tqattigħ u l-ippakkjar għandu jkun qasir sabiex jiġu evitati ħsarat mill-ossidazzjoni jew minn tnixxif eċċessiv. It-tqattigħ għandu jsir minn *Tiroler Speckmeister*, jew taħt is-superviżjoni tiegħu jew tagħha.

Waqt it-tqattigħ, kull lott lest għandu jgħaddi minn verifika sensorjali biex tiżgura li ma hemm ebda devjazzjoni mhux mixtieqa fil-lewn jew fit-togħma. Jekk ikun hemm xi difett (taħsir, difetti fl-ilwien, jew il-formazzjoni mhux mixtieqa ta' xifer xott), għandhom jittieħdu passi minnufih biex jiġu aġġustati l-parametri ta' kontroll (fosthom it-temperatura, l-umdità jew it-tul taż-żmien ta' kull stadju) għal-lottijiet jew unitajiet li jkunu għadhom fil-proċess ta' produzzjoni. Biex din l-assigurazzjoni tal-kwalità tkun tista' ssir fil-pront, l-attivitajiet tal-produzzjoni tal-unitajiet ippakkjati tat-*Tiroler Speck* IĠP isiru esklussivament fl-azjenda tal-produzzjoni jew fil-grupp ta' azjendi.

Bħala eżenzjoni mir-rekwiżit li t-tqattigħ isir taħt is-superviżjoni ta' *Tiroler Speckmeister*, l-Ispekk li jiġi tikkettat bħala *Tiroler Speck* IĠP jista' jinbiegħ f'biċċiet sħaħ lil stabbilimenti fis-settur tal-bejgħ tal-ikel bl-immnut, dejjem jekk jitqatta' ffetet fil-preżenza tax-xerrej, u dejjem jekk dan is-sehem ta' *Tiroler Speck* IĠP mhux imqatta' ma jaqbiżx l-10 % tal-lott korrispondenti tal-ġurnata, kif ukoll bil-kundizzjoni li meta jiġi vverifikat bħala parti mill-proċess ta' tqattigħ (f'qatgħat, fetet, kubi, eċċ.), l-ammont li jifdal ma juri ebda sinjal li l-lott fih xi difetti li jistgħu jissuġġerixxu li l-laħma sħiħa pprovduta kienet difettuża.

Madankollu, jekk minħabba arranġamenti speċifiċi jkun meħtieġ perjodu ta' ħżin wara t-tnixxif u qabel ma jibda t-tqattigħ, dan irid isir biss fi pppakkjar fil-vakwu jew f'atmosfera kkontrollata (l-ippakkjar inizjali) sabiex jiġi evitat telf fil-kwalità minħabba tnixxif eċċessiv jew taħsir mikrobijoloġiku mit-tkabbir tal-moffa. It-*Tiroler Speck* IĠP imbagħad jitqatta' jew f'biċċiet għall-użu domestiku, jew bil-qoxra mneħħija, ippreparat u mqatta' ffetet jew magħmul 'lest għall-kċina', u pppakkjat jew fil-vakwu jew f'atmosfera kkontrollata (l-ippakkjar aħħari).

Bħala eżenzjoni mir-rekwiżit li l-ippakkjar aħħari jsir fl-azjenda ta' produzzjoni jew fil-grupp ta' azjendi, il-lottijiet li jkunu saru b'mod konġunt bl-għan esklussiv li tittejjeb il-kwalità tat-*Tiroler Speck* IĠP bħala parti minn ġenerazzjoni u tixrid tal-għarfien, jistgħu jiġu prodotti b'mod konġunt minn għadd ta' azjendi tal-produzzjoni awtorizzati inklużi fil-lista tal-produtturi. F'dan il-każ, l-istadji individwali tal-produzzjoni jew partijiet tal-proċess ta' produzzjoni, inkluż it-tqattigħ u l-ippakkjar, l-għażla tal-materjal ta' pppakkjar u l-kalkolu assoċjat tal-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa, isiru minn azjendi differenti u mhux bilfors iridu jsiru fi ħdan azjenda tal-produzzjoni waħda jew grupp ta' azjendi wieħed."

Ġustifikazzjoni:

Saru emendi għall-proċess ta' produzzjoni bil-għan li tiġi assicurata l-kwalità inekwivokabbli tat-*Tiroler Speck*, li tissejjes speċifikament fuq l-għarfien espert li l-produtturi jkollhom tal-metodu ta' produzzjoni tradizzjonali. Il-kliem tat-test li diġà kien deher fl-Ispeċifikazzjoni oriġinali sar iktar preċiż, u issa jagħti deskrizzjoni fid-dettall ta' dan il-metodu ta' produzzjoni tradizzjonali. B'mod partikulari, ingħatat definizzjoni aktar preċiża tal-metodu ta' pproċessar, billi jissemma li t-tqattigħ u l-ippakkjar immedjati tat-*Tiroler Speck* wara li jkun ġie prodott ikollhom impatt fuq il-karatteristiċi tal-prodott. L-inklużjoni tad-dispożizzjoni li t-*Tiroler Speck* għandu jitqatta' f'biċċiet jew ffetet, u jiġi pppakkjat fiż-żona ġeografika ddefinita minnufih wara l-aħħar stadju tal-produzzjoni (it-tnixxif bl-arja), hija maħsuba biex tiżgura li tinżamm il-kwalità tat-*Tiroler Speck* IĠP.

L-emendi individwali jorbtu mal-punti li ġejjin:

— *Għarfien espert — għarfien tal-produzzjoni:*

Billi l-Ispesifikazzjoni preċedenti ma kienet tinkludi ebda osservazzjoni ewlenija dwar l-għarfien tradizzjonali tal-produtturi, l-Ispesifikazzjoni saret iktar speċifika f'dan ir-rigward, u ngħataw deskrizzjonijiet tal-kredenzjali tal-ispeċjalisti. It-titlu ta' "Tiroler Speckmeister", li sar stabbilit sew fiż-żona ġeografika ddefinit, huwa inkluż fl-Ispesifikazzjoni bħala terminu għal persunal bil-ħiliet u bl-għarfien meħtieġa biex jiproduċu l-prodott. Żdiedet ukoll deskrizzjoni tal-attivitajiet kontinwi bil-għan li tingħadda t-tradizzjoni minn ġenerazzjoni għall-oħra u li tiġi żgurata l-kwalità. B'hekk it-telfien jew it-tħollija tal-għarfien espert jistgħu jitrażżnu b'mod effiċjenti, u jista' jin-żamm l-għarfien tradizzjonali tal-prodott.

— *Il-laħam bħala materja prima:*

Il-qatgħat tal-laħam li għandhom jintużaw tmexxew mill-punt oriġinali 5b "Deskrizzjoni" u l-punt D "Tqattigħ" tal-Anness 3 (Kundizzjonijiet għall-produzzjoni tal-laħam tal-majjal u rekwiżiti għal-laħam frisk — qatgħat tal-laħam) lejn it-taqsima dwar il-metodu ta' produzzjoni taħt punt għalih, "Il-laħam bħala materja prima".

L-"Iskema tal-ittejtjar għall-analiżi sensorjali tal-prodott aħħari" inkluż fl-Anness 4 tal-Ispesifikazzjoni tħassret, billi l-metodu ta' produzzjoni huwa ppreżentat b'mod aktar iddetaljat u komplut, u l-assigurazzjoni tal-kwalità issa hija deskritta taħt il-punt 4.7.

— *Produzzjoni:*

Il-produzzjoni tat-"Tiroler Speck" hija deskritta f'passi dettaljati, mit-tmelliħ jew thejjiġa għall-priżervazzjoni tal-qatgħat tal-laħam sal-istadju tal-maturazzjoni matul it-tnixxif bl-arja, filwaqt li jissemew il-parametri tekniċi li għandhom jiġu osservati biex jiżguraw il-kwalità.

Sabiex tiġi ċċarata l-importanza tas-superviżjoni kontinwa tal-proċess ta' produzzjoni għall-kwalità tal-prodott, l-Ispesifikazzjoni tgħid espliċitament li l-proċess ta' produzzjoni għandu jsir kollu kemm hu f'azjenda tal-produzzjoni jew fi grupp ta' azjendi (ara d-definizzjoni ta' "grupp ta' azjendi" taħt il-punt 2 tal-applikazzjoni għal emenda jew taħt il-punt 4.4. tal-Ispesifikazzjoni tal-prodott), sabiex fil-każ ta' nuqqas percipibbli ta' kwalità, ikun jista' jsir aġġustament rapidu u f'waqtu tal-parametri ta' kontroll (fothom it-temperatura, l-umdità jew it-tul ta' żmien ta' kull pass fil-proċess) għal-lottijiet li jkunu għadhom fil-proċess ta' produzzjoni.

Madankollu, biex jitravwem u jiġi żviluppat l-għarfien tat-"Tiroler Speck" IĠP, ġiet inkluż wkoll il-"produzzjoni konġunta", li fiha passi individwali jew partijiet tal-proċess ta' produzzjoni, inkluż it-tqattigħ u l-ippakkjar, l-għażla tal-materjal tal-ippakkjar u l-kalkolu assoċjat tal-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa, isiru minn għadd ta' azjendi rreġistrati għall-produzzjoni tat-"Tiroler Speck" IĠP taħt il-punt 4.4. tal-Ispesifikazzjoni tal-prodott, u mhux bilforsu iridu jsiru f'azjenda tal-produzzjoni waħda jew fi grupp ta' azjendi wieħed. Għaldaqstant, l-effetti fuq il-kwalità tal-prodott assoċjat ma' dan il-metodu ta' produzzjoni jistgħu jitqabblu, u tista' ssir valutazzjoni esperta tagħhom. L-għarfien iddetaljat li jinkiseb b'dan il-mod jiffirma parti mit-taħriġ kontinwu għat-Tiroler Speckmeister dwar l-ippriżervar u l-iżvilupp tal-għarfien tat-"Tiroler Speck" IĠP għall-finijiet tal-assigurazzjoni tal-kwalità.

— *It-tqattigħ u l-ippakkjar:*

Ir-restrizzjoni tat-tqattigħ u tal-ippakkjar tat-"Tiroler Speck" għaż-żona ġeografika ddefinita hija ġġustifikata b'mod oġġettiva, speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-kriterji kwalitattivi jiġġustifikaw din ir-restrizzjoni, u li din taqbel mad-drawwiet bonafidi u stabbiliti tal-produtturi lokali. Il-proċess ta' tqattigħ f'biċċiet jew f'fetet għandu jkun limitat f'termini ta' fejn jista' jsir, billi dan ikollu impatt fuq il-karatteristiċi tal-prodott.

Matul il-proċess tat-tirqim u l-produzzjoni tal-qatgħat tal-laħam, kif ukoll meta t-"Tiroler Speck" IĠP jiġi maqtugħ f'fetet lesti għall-konsum, il-karatteristiċi interni tal-laħam jinkixfu. Dawn il-passi tal-produzzjoni jgħaddu minn valutazzjoni esperta taħt is-superviżjoni ta' Tiroler Speckmeister, bil-għan li jevalwa l-konformità mar-rekwiżiti tal-punt 4.2 tal-Ispesifikazzjoni tal-prodott u li jiggarantixxi l-kwalità tal-prodott mingħajr ebda difett. B'hekk jiġi żgurat li l-prodott jiġġustifika l-immaġni prestiġjużi u r-reputazzjoni tiegħu. Jekk jidher difetti ċari waqt it-tqattigħ (bħal taħsir, difetti fl-ilwien jew il-formazzjoni mhux mixtieqa ta' xifer xott), għandhom jittieħdu passi minnufih, taħt is-superviżjoni tat-Tiroler Speckmeister, sabiex jiġu aġġustati l-parametri ta' kontroll (fothom it-temperatura, l-umdità jew it-tul ta' żmien ta' kull stadju fil-proċess) għall-firxa tal-lottijiet jew unitajiet li jkunu għadhom fil-produzzjoni, bil-għan li tinżamm il-kwalità tal-prodott u li jiġi evitat l-iżvilupp ta' difetti flottijiet ulterjuri. Biex dan ir-rappurtar dwar il-kwalità jkun jista' jsir fil-pront, l-attivitajiet għall-produzzjoni tal-unitajiet ippakkjati tat-"Tiroler Speck" IĠP isiru esklussivament f'azjendi tal-produzzjoni jew fi gruppi ta' azjendi, bl-eċċezzjoni tal-lottijiet li jsiru b'mod konġunt sabiex tittejjeb il-kwalità, li jistgħu jiġu prodotti minn għadd ta' azjendi flimkien (produzzjoni konġunta).

Ladarba l-produzzjoni tat-“Tiroler Speck” mhux imqatta’ tkun lesta, il-prodott ikun suxxettibbli għal tnixxif eċċes-siv jew għal taħsir mikrobijoloġiku minħabba t-*tkabbir tal-moffa*. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-prodott jiġi ppakkjat fil-post tal-produzzjoni qabel ma jinħareġ għad-distribuzzjoni. Jekk minħabba arranġamenti speċifiċi t-“Tiroler Speck” ikun jirrikjedi perjodu ta’ *ħżin wara t-tnixxif u qabel it-tqattigħ*, għandu jsir stadju inizjali tal-ippakkjar, jew fil-vakwu jew *fatmosfera kkontrollata*, sabiex jiġi evitat aktar telf fil-kwalità. Wara dan, il-prodott ikun jista’ jitqatta’ *f’biċċiet jew jitneħħa mill-qoxra*, jiġi mirqum u jitqatta’ *ffetet*, jew jiġi ppakkjat *f’forma “lesta għall-kċina”*, u jitqiegħed fil-ippakkjar aħħari tiegħu, jew fil-vakwu jew *fatmosfera kkontrollata*.

Flimkien mat-tqattigħ imsemmi, il-proċess tal-ippakkjar minn dejjem sar esklussivament *fiż-żona ġeografika ddefinita*, sabiex tiġi *żgurata valutazzjoni esperta tal-konsistenza ta’ ġewwa*, kif ukoll biex isir rappurtar *pożittiv tal-kwalità taħt is-superviżjoni ta’ Tiroler Speckmeister* sabiex jinżamm *livell għoli ta’ kwalità*.

Bħala eżenzjoni mir-*rekwiżit li t-tqattigħ isir taħt is-superviżjoni ta’ Tiroler Speckmeister*, l-Ispeck li jiġi tikkettat bħala “Tiroler Speck” IĠP jista’ jinbiegħ *f’biċċiet sħaħ lil stabbilimenti fis-settur tal-bejgħ tal-ikel bl-imnut*, dejjem jekk jitqatta’ *ffetet fil-preżenza tax-xerrej*, u dejjem jekk dan is-sehem ta’ “Tiroler Speck” IĠP mhux imqatta’ ma jaqbiżx *l-10 % tal-lott korrispondenti tal-ġurnata*, kif ukoll bil-kundizzjoni li meta jiġi vverifikat bħala parti mill-proċess ta’ *tqattigħ (f’qatgħat, fetet, kubi, eċċ.)*, l-ammont li jifdal ma juri ebda sinjal li l-lott fih xi difetti li jistgħu jissuġġerixxu li l-laħma sħiħa pprovduta kienet difettuża.

Din l-eżenzjoni ddaħħlet sabiex it-“Tiroler Speck” mhux imqatta’ jkun jista’ jiġi fornut lil dawk is-setturi tal-konsum (*is-settur tal-bejgħ tal-ikel bl-imnut u s-settur tal-forniment kollettiva tal-ikel*) li ma jkollhom speċjalist fuq il-post bħal *Tiroler Speckmeister* biex iqatta’ t-“Tiroler Speck” *ffetet*. Sabiex ir-rabta tal-oriġini deskritta fil-punt 4.4. tkun tista’ tintuża biex tigarantixxi l-kwalità tat-“Tiroler Speck” IĠP li jiġi fornut mhux imqatta’, *ġie impost limitu massimu ta’ 10 % tal-lott tal-ġurnata*. It-“Tiroler Speck” IĠP ippakkjat jista’ jiġi fornut *liż-żewġ setturi tal-konsum imsemmija sa dak il-limitu*, billi kwantitajiet *żgħar ħafna ta’ “Tiroler Speck” biss jiġu fornuti mhux imqattgħa*, u l-kontroll tal-kwalità dejjem *jitwettagħ fuq lott tal-produzzjoni*, b’mod li jippermetti li jinsiltu konklużjonijiet rilevanti għall-unità kollha jew għal-lott kollu.

Dan jiżgura li l-verifiki fuq il-post jitwettqu mill-produttur, biex jigarantixxu l-kwalità u l-awtenticià tal-prodott. Li kieku t-“Tiroler Speck” IĠP kellu jitqatta’ *ffetet u jiġi ppakkjat barra miż-żona tal-produzzjoni*, kien jiġi trasportat lejn kwalunkwe numru ta’ *faċilitajiet tal-ipproċessar*, u kien jinbiegħ għadd ta’ *drabi matul il-proċess*. Minħabba l-*inkapaċità ta’ monitoraġġ ta’ tali kanali kummerċjali*, it-traċċabbiltà u l-verifiki effettivi jkunu impossibbli, billi mingħajr numru ta’ *identifikazzjoni mdaħħal fir-reġistru tal-produtturi (numru tal-azjenda u identifikatur tal-lott fil-forma ta’ numru tal-lott jew data*, li permezz tagħhom tista’ tiġi vverifikata t-traċċabbiltà tal-prodotti ppakkjati għal kull settur tas-suq, u kull lott ikun jista’ jintrabat b’*ċertezza ma’ post tal-produzzjoni*), it-“Tiroler Speck” ippakkjat ma jkunx jista’ *jitqies awtentiku*. Ir-ritorn ta’ dan l-istadju lejn *iż-żona tal-produzzjoni*, kif issa huwa *previst*, flimkien mal-verifiki fuq il-post korrispondenti, *jitqies miżura meħtieġa u proporzjonata biex tiġi żgurata l-kwalità ta’ “Tiroler Speck” IĠP iffinalizzata*.

Mind u saret ir-reġistrazzjoni inizjali tal-indikazzjoni tal-oriġini, it-“Tiroler Speck” IĠP *ġie ddistribwit l-aktar fqatgħat jew ffetet mill-produttur*. Billi dan ma kienx imsemmi *espliċitament fl-Ispeċifikazzjoni oriġinali*, ir-regoli dwar il-proċess ta’ *tqattigħ u ppakkjar issa ġew inklużi speċifikament għal aktar ċarezza*.

4. Rabta maż-żona ġeografika:

Il-punt 5f tal-Ispeċifikazzjoni tal-prodott jgħid:

“Tul bosta ġenerazzjonijiet, il-produzzjoni tat-“Tiroler Speck” stabbiliet ruħha bħala metodu ta’ produzzjoni tradizzjonali fil-pajsaġġ muntanjuż u agrikolu tat-Tirol, fejn ma kienx possibbli li l-laħam frisk jiġi rrefrigerat. It-tnixxif tal-laħam fl-arja nadifa tal-muntanju, u l-affumikazzjoni ħafifa tiegħu bl-użu ta’ taħlitiet speċifiċi ta’ ħwawar u ta’ njam tal-fagu jew tal-fraxxnu — it-tnejn li huma stadji neċessarji fil-proċess —, huma rappreżentattivi tal-karatteristiċi partikulari tat-“Tiroler Speck”.

Ir-riċetti tal-ħwawar u l-metodi ta’ produzzjoni għat-“Tiroler Speck” baqgħu jintirtu minn ulied kull ġenerazzjoni ta’ bdiewa. Din it-tradizzjoni, mgħoddija minn persuna għall-oħra, maż-żmien issarrfet f’*immaġni pubblika prestiġjuża tal-produzzjoni kummerċjali ta’ “Tiroler Speck” tal-lum il-ġurnata*. Dan il-prodott ilu ħafna ġenerazzjonijiet apprezżat minħabba l-*valur nutrizzjonali għoli tiegħu*, il-*ħajja twila tal-prodott fuq l-ixkaffa*, u l-*varjetà ta’ użi possibbli*.”

Din is-silta hija emendata kif ġej:

“4.6 Rabta maż-żona ġeografika

It-“Tiroler Speck” ilu s-sekli parti integrali mill-gastronomija rurali lokali.

Referenzi dokumentarji jipprovdu indikazzjoni tal-wirt antik tat-*Tiroler Speck* fit-Tirol. Fil-ktieb 'Geschichte der Tiroler Metzgerhandwerks' [L-Istorja tal-Bejgħ tal-Laħam fit-Tirol] (Universitätsverlag Wagner 1982), Nikolaus Graff u Hermann Holzmann isemmu, fost l-oħrajn, il-prezz ta' libra Speck flimkien ma' zżazet tal-majjal, bid-data tat-23 ta' Lulju 1573. L-importanza tal-Ispeck fid-dieta tal-popolazzjoni tat-Tirol tissemma wkoll f'siltiet oħra tal-istess ktieb. Jirrapporta, pereżempju, li anki fl-isfera privata, il-laħam tal-majjal kien jinbiegħ fis-suq f'qatgħat kbar biex minnu jsir l-Ispeck. Il-biċċa l-kbira tal-laħam tal-majjal imbagħad kien jitħejja għall-priżervazzjoni u jiġi affumikat, u kien imfittex is-sena kollha bħala Speck u majjal affumikat.

Il-livell għoli ta' kwalità u r-reputazzjoni tajba tat-*Tiroler Speck* jgħodd mill-fatturi klimatiċi u l-għarfien espert tat-*Tiroler Speckmeister*. Il-klima tal-Alpi interni, b'karatteristiċi subkontinentali u b'differenzi klimatiċi reġjonali, b'sajf primarjament umdu u ħarifa xotta, wasslet għall-iżvilupp ta' tekniċi speċjali ta' akkumulazzjoni fil-ħżin: għat-*Tiroler Speck* IĠP ġie żviluppat metodu ta' produzzjoni speċjali li jiddependi mill-istaġun u mit-temp. Tul bosta ġenerazzjonijiet, il-produzzjoni tat-*Tiroler Speck* stabbiliet ruħha bħala metodu ta' produzzjoni tradizzjonali fil-pajsaġġ muntanjuż u agrikolu tat-Tirol, fejn ma kienx possibbli li l-laħam frisk jiġi rrefrigerat. L-għarfien tal-proċess ta' t'nixxif fl-arja nadifa tal-muntanji tat-Tirol baqa' jintiret minn ġidd għal ġidd. Dan l-għarfien, flimkien mal-proċess ta' affumikazzjoni ħafifa bl-użu ta' taħlitiet speċifiċi ta' ħwawar u ta' njam tal-fagu jew tal-fraxxnu, jagħtu lit-*Tiroler Speck* il-karatteristiċi speċjali tiegħu.

Il-livell għoli ta' għarfien espert li trawwem fiż-żona ġeografika ddefinita b'rabta mat-tekniki ta' produzzjoni u l-kontroll tal-proċess tal-maturazzjoni, u li baqa' jingħadda minn ġenerazzjoni għall-oħra, huwa essenzjali għall-karatteristiċi organolettiċi li jikkostitwixxu l-kwalità tal-prodott. Ir-riċetta tal-ħwawar u l-metodu ta' produzzjoni għat-*Tiroler Speck* baqgħu jintirtu minn ulied kull ġenerazzjoni ta' bdiewa. Din it-tradizzjoni, mgħoddija minn persuna għall-oħra, maż-żmien issarrfet f'immaġni pubblika prestiġjuża tal-produzzjoni kummerċjali tat-*Tiroler Speck* tal-lum il-ġurnata. Dan il-prodott ilu ħafna ġenerazzjonijiet apprezzat minħabba l-valur nutrizzjonali għoli tiegħu, il-ħajja twila tal-prodott fuq l-ixkaffa, u l-varjetà ta' użi possibbli.

L-għarfien u t-tradizzjoni artiġjanali tat-*Tiroler Speckmeister* jiżguraw li tinżamm il-kwalità tal-prodott. Is-sekli ta' esperjenza Prattika tat-*Tiroler Speckmeister* rigward l-effetti li l-materja prima u l-kundizzjonijiet klimatiċi jkollhom fuq il-kwalità tal-prodott (inkluż l-għarfien tal-fatturi li kapaċi jħarbtu l-proċess, il-kawżi tal-abnormalitajiet, il-karatteristiċi l-ħin kollu jinbidlu tal-materja prima u tal-fatturi ambjentali, u l-effetti reċiproċi tal-parametri ta' produzzjoni) jaqdu rwol ewlieni biex jinkiseb l-istandard għoli ta' kwalità tal-prodott aħħari. Is-superviżjoni tal-proċess ta' produzzjoni mit-*Tiroler Speckmeister*, li jirċievi taħriġ espert kontinwu, tipprevjeni kwalunkwe effett ta' ħsara fuq il-prodott u telf fil-kwalità. Sabiex jitravwem u jkompli jiġi żviluppat l-għarfien tat-*Tiroler Speck*, għadd ta' azjendi, kif deskritt fil-punt 4.5, jaħdmu flimkien fuq il-produzzjoni tiegħu. L-impatt li dan ikollu fuq il-kwalità tal-prodott huwa parti mit-taħriġ kontinwu tat-*Tiroler Speckmeister* dwar l-ippriżervar, l-iżvilupp u t-titjib tal-għarfien espert tiegħu jew tagħha."

Ġustifikazzjoni:

L-Ispeċifikazzjoni ġiet adattata għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 billi l-osservazzjonijiet storiċi, bħall-evidenza dokumentata u t-tradizzjonijiet antiki marbutin mat-*"Tiroler Speck"*, li għall-bidu kienu deskritti fit-taqsimha dwar il-prova tal-orijini, issa tmexxew taħt il-punt 4.6, "Rabta maż-żona ġeografika".

Ġew deskritti fit-tul l-effetti tal-klima u l-fatturi umani fiż-żona ġeografika. Ġiet ipprovduta deskrizzjoni fid-dettall tal-għarfien espert tal-produtturi reġjonali, li bilmemm issemma fl-Ispeċifikazzjoni preċedenti. Dan l-għarfien espert jinkludi l-għarfien tradizzjonali ta' tekniċi speċjali tal-ħżin, li fihom ġie żviluppat għat-*"Tiroler Speck"* IĠP metodu ta' produzzjoni speċjali li jiddependi mill-istaġun u mit-temp, kif ukoll il-ħiliet avvanzati għat-tekniki ta' produzzjoni u ta' kontroll tal-proċess ta' monitoraġġ — ħiliet li huma essenzjali biex joħorġu l-karatteristiċi organolettiċi tal-prodott.

Barra minn hekk, saret enfażi fuq dawk il-karatteristiċi organolettiċi li jrendu l-prodott speċjali u jikkontribwixxu għall-kwalità u għad-dehra tiegħu.

5. It-tikkettar:

Il-verżjoni oriġinali tal-punt 5h tgħid kif ġej:

"L-indikazzjoni ġeografika protetta *"Tiroler Speck"* ma għandhiex tinqaleb f'lingwi oħra. Għandha tidher fuq it-tikketta b'ittri leġibbli u li ma jitħassrux, u li jispikkaw fuq kull tikkettar ieħor.

Eżatt wara l-isem għandu jidher it-terminu 'Indikazzjoni Ġeografika Protetta' u/jew it-taqsimha 'IĠP', fil-lingwa komuni marbuta mal-prodott. Jistgħu jidhru wkoll ismijiet, ismijiet kummerċjali u tikketti privati, dejjem jekk ma jqarrqux bix-xerrej.

It-*"Tiroler Speck"* jista' jinbiegħ jew sħiħ, ippakkjat fil-vakwu jew f'atmosfera kkontrollata, jew inkella bħala biċċa sħiħa, jew imqatta' jew f'fetet."

Din is-silta hija mibdula b'li ġej:

“Fuq kull unità ppakkjata u lesta għall-bejgħ, għandhom jidhru f'post prominenti, b'mod leġibbli u li ma jithas-sarx, in-numru tal-azjenda, identifikatur tal-lott fil-forma ta' numru tal-lott jew data, u l-kliem ‘Tiroler Speck IĠP’. Barra minn dan, jistgħu jidhru wkoll il-qatgħa tal-laħam li jkun intuża u/jew ir-reġjun tal-produttur fiż-żona ġeografika ddefinita.

Eżempji ta' tikkettar:

- ‘Tiroler Speck IĠP - bejken’
- ‘Tiroler Speck IĠP - magħmul mill-perżut’
- ‘Tiroler Speck IĠP Speck tal-flett miz-Zillertal’
- ‘Tiroler Speck IĠP magħmul miż-żaqq tal-majjal, mir-reġjun ta' Ötztal’

Tista' tintuża wkoll indikazzjoni fil-lingwa komuni taż-żona ta' kummerċjalizzazzjoni, dejjem jekk jingħata wkoll it-terminu Ġermaniż ‘Tiroler Speck g.g.A.’.

Jistgħu jintwerew ukoll ismijiet, ismijiet kummerċjali u tikketti privati, dejjem jekk l-ippakkjar li jirriżulta ma jqarraqx.”

Ġustifikazzjoni:

Regoli tat-tikkettar ddetaljata u komprensivi jgħinu biex jittejjbu t-trasparenza u l-informazzjoni mogħtija lill-konsumaturi. L-użu ta' informazzjoni addizzjonali ġie rregolat ukoll, sabiex jiġu indikati b'mod aktar preċiż il-qatgħa tal-laħam li tkun intużat u/jew ir-reġjun tal-produttur fiż-żona ġeografika ddefinita. B'hekk issir enfażi fuq il-karattru reġjonali tal-prodott, u tingħata deskrizzjoni fid-dettall tal-prodott, li tinkludi informazzjoni addizzjonali dwar il-qatgħat tal-laħam użati. Dan kollu jipprovdu deskrizzjoni aktar preċiża tal-prodott, kif ukoll informazzjoni aktar immirata għall-konsumaturi.

6. *Oħrajn:*

6.1. Id-dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:

Isem: Austrian Patent Office
 Indirizz: 1200 Vienna
 Dresdner Straße 87
 ÖSTERREICH

Tel. +43 1534240
 Fax +43 153424535
 Posta elettronika: Herkunftsangaben@patentamt.at

6.2. Organizzazzjoni:

Isem: Konsortium Tiroler Speck g.g.A.
 Indirizz: Bundesstraße 33
 6551 Pians
 ÖSTERREICH

Tel. +43 544269001190
 Fax +43 5442636211190
 Posta elettronika: kontakt@tirolerspeck.info

Kompożizzjoni: Produttur

Ġustifikazzjoni:

L-isem tal-grupp applikanti nbidel mindu ġiet approvata l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, u għalhekk ġie aġġornat flimkien tad-dettalji emendati tal-awtorità kompetenti.

6.3. Organu ta' spezzjoni:

It-taqsimha li tinkludi d-dettalji ta' kuntatt tal-organu ta' spezzjoni ġiet emendata minħabba l-qalba lejn organu ta' spezzjoni privat. L-ispezzjonijiet issa jitwettqu mill-organu ta' spezzjoni li ġej:

Kontrollservice BIKO Tirol
 Wilhelm-Greil-Straße 9,
 A-6020 Innsbruck

Tel. +43 592923100
 Fax +43 592923199
 Posta elettronika: office@biko.at

Il-kompiti tal-ispezzjonijiet ġew iddefiniti u rregolati b'aktar preċiżjoni, b'mod li l-ispezzjonijiet jinkludu t-teħid ta' kampjuni mis-suq u/jew mill-azjenda, kif ukoll spezzjoni fuq il-post tal-azjenda għall-verifika tal-karatteristiċi tal-prodott u tad-dokumentazzjoni msemmija fil-prova tal-orijini. Għaldaqstant, l-iktar punti importanti tal-ispezzjoni huma ddefiniti fl-Ispesifikazzjoni.

6.4. Rekwiżiti nazzjonali:

It-taqsimu "Rekwiżiti nazzjonali" thassret għalkollox.

6.5. Emendi editorjali:

6.5.1. Il-mappa (l-Anness 2 tal-Ispesifikazzjoni tal-prodott) u n-nota korrispondenti fit-taqsimu "Żona ġeografika ddefinita" nbidlu bit-tismija tal-"Provinċja tat-Tirol" bħala ż-żona ġeografika. B'hekk iż-żona ġeografika hija deskritta b'mod ċar u mingħajr ambigwità; il-mappa ma għadhiex meħtieġa.

6.5.2. L-Anness 3, li kien imsemmi fit-taqsimiet "Żona ġeografika ddefinita" u "Metodu ta' produzzjoni", u li kien jinkludi l-kundizzjonijiet għall-produzzjoni tal-laħam tal-majjal u r-rekwiżiti għal-laħam frisk (qatgħat tal-laħam), tħassar għalkollox. Ir-rekwiżiti f'dan ir-rigward huma stipulati b'mod ċar fil-Pakkett tal-UE dwar l-Iġjene, fid-Dritt Ewropew dwar l-Għalf u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar OKS unika, u wrew li huma suffiċjenti biex jiżguraw il-kwalità tal-prodott. Għaldaqstant, ma għadux meħtieġ li l-għalf ikun konformi mar-regolamenti Awstrijaċi. Billi dejta dwar il-kontenut polieniku tal-għalf użat fil-produzzjoni tal-laħam spiss ma tkunx disponibbli ladarba l-laħam jitqiegħed fis-suq, u billi l-analiżijiet imwettqa bħala parti mis-sistema ta' kontroll intern juru li, mill-2008 'l hawn, il-livelli ta' aċidu xaħmi baqgħu kostanti, b'medja pluriennali ta' 12,22 g/100 g (li tikkorrispondi għall-valur limitu inizjalment imfittex), il-kriterju dwar il-kontenut polieniku mhuwiex meħtieġ lanqas, u għalhekk id-dispożizzjonijiet fil-punti mill-A sas-C fl-Anness 3 tnehew.

DOKUMENT UNIKU

"TIROLER SPECK"

Nru tal-UE: PGI-AT-02162 — 8.8.2016

DOP () IĠP (X)

1. Isem

"Tiroler Speck"

2. Stat Membru jew Pajjiż Terz

L-Awstrija

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

3.1. Tip ta' prodott

Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.)

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f(1)

It-"Tiroler Speck" IĠP huwa prodott tal-majjal artiġjanali, ippriżervat b'mod tradizzjonali, magħmul mill-koxxa, flett, żaqq, spalla jew għonq mingħajr għadam, li mbagħad jitmellaħ fix-xott, jitħawwar b'taħlita partikulari ta' ħwawar — fosthom tal-anqas il-ġniebru, il-bżar iswed u t-tewm — jiġi affumikat fil-kesħa skont proċess speċifiku għar-reġjun bl-użu ta' mill-inqas 50 % injam tal-fagu jew tal-fraxxnu, u jitnixxef bl-arja. Il-lewn ta' barra jkun kannella skura, u l-wiċċ mal-qtugħ jagħti fl-aħmar, b'saff abjad tax-xaħam. Ir-riħa tkun pikkanti, b'mod intens u aromatiku, u bi sfumaturi ċari ta' maturazzjoni u aroma tad-duħħan. It-togħma tkun kemxejn pikkanti, u tibda minn sfumaturi ċari u inekwivokabbli tad-duħħan, tgħaddi għal togħma sħiħa tal-laħam, u tagħqad b'togħma rikonoxxibbli tal-melħ.

Karatteristiċi fiżikokimiċi u mikrobijoloġiċi:

— Proporzjon ilma/proteini: massimu ta' 1,7 (tolleranza + 0,2)

— Kontenut ta' melħ (NaCl): massimu ta' 5,0 % (tolleranza + 1,5 % [fil-qalba] + 2,0 % [fix-xifer])

It-“Tiroler Speck” jiġi prodott esklussivament fiż-żona ġeografika ddefinita, u jkun disponibbli, fil-ġhamla aħħarija tiegħu, ippakkjat fil-vakwu jew f'atmosfera kkontrollata, u jew f'biċċiet sħaħ, jew imqatta' jew f'fetet.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-animalli biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Il-qatgħat tal-laħam użati għat-“Tiroler Speck” IĠP joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, u jkunu magħmula mill-koxxa bil-qoxra, bin-naħa l-għolja tagħha jew mingħajrha, mill-flett bil-qoxra, miż-żaqq bil-qoxra (bl-għadam artab jew mingħajru), mill-ispalla bil-qoxra, u mill-għonq bil-qoxra, kollha bil-għadam imneħħi, u maqtuġhin skont prassi tajba ta' manifattura.

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-passi kollha tal-produzzjoni (mit-tmelliħ tal-prodott aħħari) jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

It-“Tiroler Speck” IĠP għandu jitqatta' minn espert imħarreġ fil-produzzjoni tat-“Tiroler Speck” IĠP, magħruf bħala “*Tiroler Speckmeister*”, jew inkella jitqatta' taħt is-superviżjoni tiegħu jew tagħha. Waqt it-tqattigħ, kull lott lest għandu jgħaddi minn verifika sensorjali biex tiżgura li ma hemm ebda devjazzjoni mhux mixtieqa fil-lewn jew fit-togħma. Jekk ikun hemm xi difett (taħsir, difetti fl-ilwien, jew il-formazzjoni mhux mixtieqa ta' xifer xott), għandhom jittieħdu passi minnufih biex jiġu aġġustati l-parametri ta' kontroll (fosthom it-temperatura, l-umdità jew it-tul taż-żmien ta' kull stadju) għal-lottijiet jew unitajiet li jkunu għadhom fil-proċess ta' produzzjoni. Biex din l-assigurazzjoni tal-kwalità ssir fil-pront, l-attivajiet għall-produzzjoni tal-unitajiet ippakkjati tat-“Tiroler Speck” IĠP isiru esklussivament fl-azjenda tal-produzzjoni jew fil-grupp ta' azjendi (jiġifieri azjenda b'iktar minn post wieħed, b'kull post iwettaq stadji individwali tal-produzzjoni tat-“Tiroler Speck” IĠP, jew b'aktar minn indirizz postali wieħed fl-istess distrett).

Sabiex jiġu evitati ħsarat mill-ossidazzjoni jew minn tnixxif eċċessiv, jew minn taħsir mikrobijoloġiku minħabba t-tkabbir tal-moffa, u għaldaqstant biex jiġi evitat telf fil-kwalità, il-ħin li jgħaddi bejn it-tqattigħ u l-ippakkjar għandu jinżamm fil-qasir. Huwa għalhekk li l-ippakkjar tat-“Tiroler Speck” IĠP, f'biċċiet sħaħ jew imqatta' jew f'fetet, fil-vakwu jew f'atmosfera kkontrollata, għandu jsir fiż-żona ġeografika ddefinita. Madankollu, jekk minħabba arranġamenti speċifiċi jkun meħtieġ perjodu ta' ħżin qabel ma jibda t-tqattigħ, dan irid isir biss fi ppakkjar fil-vakwu jew f'atmosfera kkontrollata (l-ippakkjar inizjali) sabiex jiġi evitat telf fil-kwalità minħabba tnixxif eċċessiv jew taħsir mikrobijoloġiku mit-tkabbir tal-moffa. It-“Tiroler Speck” IĠP imbagħad jitqatta' jew f'biċċiet għall-użu domestiku, jew bil-qoxra mneħħija, ippreparat u mqatta' f'fetet jew magħmul “lest għall-kċina”, u ppakkjat jew fil-vakwu jew f'atmosfera kkontrollata (l-ippakkjar aħħari).

It-“Tiroler Speck” IĠP jista' jinbiegħ f'biċċiet sħaħ lil stabbilimenti fis-settur tal-bejgħ tal-ikel bl-imnut, dejjem jekk jitqatta' f'fetet fil-preżenza tax-xerrej, u dejjem jekk dan is-sehem ta' “Tiroler Speck” IĠP mhux imqatta' ma jaqbiżx l-10 % tal-lott korrispondenti tal-ġurnata, kif ukoll bil-kundizzjoni li meta jiġi vverifikat bħala parti mill-proċess ta' tqattigħ (f'qatgħat, fetet, kubi, eċċ.), l-ammont li jifdal ma juri ebda sinjal li l-lott fih xi difetti li jistgħu jissuġġerixxu li l-laħma sħiħa pprovduta kienet difettuża.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Fuq kull unità ppakkjata u lesta għall-bejgħ, għandhom jidhru f'post prominenti, b'mod leġibbli u li ma jithas-sarx, in-numru tal-azjenda, identifikatur tal-lott fil-forma ta' numru tal-lott jew data, u l-kliem “Tiroler Speck IĠP”. Jistgħu jidhru wkoll il-qatgħa tal-laħam li jkun intuża u/jew ir-reġjun tal-produttur fiż-żona ġeografika ddefinita.

Tista' tintuża wkoll indikazzjoni fil-lingwa komuni taż-żona ta' kummerċjalizzazzjoni, dejjem jekk jingħata wkoll it-terminu Ġermaniż “Tiroler Speck g.g.A.”.

Jistgħu jintwerew ukoll ismijiet, ismijiet kummerċjali u tikketti privati, dejjem jekk l-ippakkjar li jirriżulta ma jqarraqx.

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Il-Provinċja tat-Tirol.

5. Rabta maż-żona ġeografika

Fil-pajsaġġ muntanjuż tat-Tirol, li huwa ikkaratterizzat bl-art agrikola, il-produzzjoni tat-“Tiroler Speck” bħala metodu ta’ priżervazzjoni tal-laħam frisk ġiet żviluppata u rfinata tul bosta ġenerazzjonijiet. L-għarfien tar-riċetta speċjali ta’ ħwawar u l-metodu ta’ produzzjoni tradizzjonali għat-“Tiroler Speck” baqgħu jintirtu minn ulied kull ġenerazzjoni ta’ bdiewa. Din it-tradizzjoni, mgħoddija minn persuna għall-oħra, maż-żmien issarrfet f’immaġni pubblika prestiġjuża tal-produzzjoni kummerċjali tat-“Tiroler Speck” tal-lum il-ġurnata. Il-proċess ta’ tnixxif fl-arja muntanjuża nadifa tat-Tirol, il-proċess ta’ affumikazzjoni ħafifa bl-użu ta’ taħlitiet speċifiċi ta’ ħwawar, u l-użu tal-injam tal-fagu jew tal-fraxxnu għad-duħħan — ilkoll elementi neċessarji tal-proċess ta’ produzzjoni — jikkostitwixxu proċedura speċjali u speċifika għar-reġjun, li tagħti lit-“Tiroler Speck” id-dehra karatteristika tagħha kannella skura. Bl-eċċezzjoni tax-“*Schopfspeck*” [Speck tal-għonq], il-wiċċ mal-qtugħ juri kiswa bajda tax-xaħam, u l-laħam ikun ta’ lewn aħmar karg, li jibqa’ jiskura lejn in-naħa tal-laħam. Il-karatteristiċi inekwivokabbli ta’ dan il-prodott huma l-aroma pikkkanti pjaċevoli, bi sfumaturi maturi li jintgħarfu mill-ewwel, u t-togħma kemxejn pikkkanti b’laqtiet tad-duħħan u tal-melħ, li magħhom tiżdied l-aroma tal-laħam tal-majjal. F’din il-perspettiva usa’, il-varjazzjonijiet reġjonali u bidliet sottili fil-karatteristiċi organolettiċi huma komuni, skont il-partikularitajiet kulturali stabbiliti fir-reġjuni u fil-widien korrispondenti taż-żona ġeografika ddefinita. B’hekk, ċerti aspetti tan-natura tipika tal-prodott, fosthom il-profil tat-togħma jew l-isfumaturi ta’ njam affumikat, jadottaw karatteristiċi reġjonali mingħajr ma jolqtu ħażin jew jibdlu l-identità ġenerali tat-“Tiroler Speck” IĠP.

Il-metodu ta’ produzzjoni tradizzjonali li żviluppa fiż-żona ġeografika jissejjes fuq l-għarfien espert tal-produtturi, li baqa’ jingħadda minn ġidd għal ġidd tul is-sekli.

L-għarfien u t-tradizzjoni artiġjanali tat-*Tiroler Speckmeister* jiżguraw li tinżamm il-kwalità għolja tal-prodott. Is-sekli ta’ esperjenza Prattika tat-*Tiroler Speckmeister* rigward l-effetti li l-materja prima u l-kundizzjonijiet klimatiki jkollhom fuq il-kwalità tal-prodott (inkluż l-għarfien tal-fatturi li kapaċi jħarbtu l-proċess, il-kawżi tal-abnormalitajiet, il-karatteristiċi l-ħin kollu jinbidlu tal-materja prima u tal-fatturi ambjentali, u l-effetti reċiproċi tal-parametri ta’ produzzjoni) jaqdu rwol ewlieni biex jinkiseb l-istandard għoli ta’ kwalità tal-prodott aħħari. Għaldaqstant, it-*Tiroler Speckmeister* ikejjejt it-tul ta’ żmien tal-proċess ta’ tnixxif bl-arja abbażi tal-kundizzjonijiet klimatiki attwali fir-reġjun u skont il-qatgħa tal-laħam. B’hekk jiżgura proċess ta’ tnixxif bil-galbu, u prodott ta’ kwalità liema bħalha bil-karatteristiċi tipiki kollha tiegħu (lewn ta’ barra kannella skura, konsistenza bejn medja u soda, togħma tal-ġniebru bi sfumaturi tal-melħ u aroma tad-duħħan li jintgħarfu faċilment).

Is-supervizzjoni tal-proċess ta’ produzzjoni mit-*Tiroler Speckmeister*, li jirċievi taħriġ espert kontinwu, tipprevjeni kwalunkwe effett ta’ ħsara fuq il-prodott u telf fil-kwalità.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispesifikazzjoni tal-prodott

(L-Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu tar-Regolament)

<https://www.patentamt.at/herkunftsangaben/tirolerspeck/>

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT